Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1284/2005

**Design Elements Limited (C-120002)**

**vs**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited (C-24137)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Gunju, 2005 fejn intalab il-hlas a' elf tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1348.20) ammont dovut mis-socjeta` konvenuta ghall-servizzi inkluz kiri ta' prodotti (product booths) maghmula lilha mis-socjeta` attrici.**
**Is-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-4 ta' Lulju, 2005, fejn intqal :**
**i. Illi t-talba attrici hija preskritta that l-artikolu 2148(f) tal_Kodici Civili;**
**ii. Illi kompletament bla pregudizzju ghas-suespost l-konvenuta qatt ma kienet intrabtet li thallas l-ammont in kwistjoni, u l-ammont mitlub mhux dovut minnha;**
**iii. Illi t-talbiet attrici huma, bla pregudizzju ghas-suespost, infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Micallef u Noel Schembri. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda hlas fuq servizzi, inkluz kiri ta' prodotti lis-socjeta` konvenuta.**
**2. Il-konvenut qed jghid li hawn si tratta ta' location operas, li hemm id-dritt tat-terminazzjoni a diskrezzjoni tal-parti, pero` f'kaz ta' terminazzjoni ikun hemm dritt ghad-danni.**
**3. Is-socjeta` attrici qed tikkontesta li qatt ma kien hemm terminazzjoni kif qed tghid is-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` attrici tghid ukoll li sar hlas wara l-allegata terminazzjoni.**
**4. Bhala fatti, Joseph Micallef, Direttur tas-socjeta` attrici, jghid li kienu tqabbdu mis-socjeta` konvenuta biex jiddisenjaw kjosk u sitta bhalu, u dawn kellhom jintuzaw ghall-tlett snin konsekutivi. Dawn kienu bil-prezz ta' mija u disghin lira (Lm190) kull unit, li ghalhekk moltiplikat b'sitta igib l-ammont reklamat fl-avviz. L-istess xhud esebixxa fax, Dok.JM1, mibghuta mis-socjeta` attrici datata 10 ta' Mejju, 2002, li hi l-"quotation" dwar il-prodotti mitluba. Fuq din l-istess fax hemm il-kliem bil-miktub: "Alberto pls proceed" u firma. Skond l-istess Micallef kien Alberto Ebejer li accetta l-"quotation". Jghid ukoll li s-socjeta` konvenuta hallset ghas-snin 2002 u 2003, Dok.JM2 u**

**JM3, pero` ma sarx il-hlas ghas-sena 2004 Dok.JM4. meta s-socjeta` attrici ikkuntattjat lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas, jinghad li certu Noel Schembri qal li huma qatt ma kienu ordnaw xejn. L-ahhar pagament li hadet is-socjeta` attrici kien fil-15 ta' Ottubru, 2003.**

**5. Noel Schembri xehed li kien baghat il-fax Dok.RR1, datat 4 ta' Gunju, 2003 fejn informal is-socjeta` attrici li ma kienux ser jaghmlu uzu mis-servizzi provduti mis-socjeta` konvenuta ghall fiera tas-sena 2003. l-istess xhud jghid li Stephen Banavage li effettwa l-pagamenti ma kienx awtorizzat jaghmel dan. Pero` jirrizulta lid an kien fil-fatt impjegat tas-socjeta` konvenuta bhala accounts officer.**

**6. Jidher mid-Dok.Jm1 li dak li gie miftiehem bejn il-partijiet kien ghall-perijodu ta' tlett snin. It-Tribunal iqies li dawk il-pagamenti li saru effettivament saru minn ufficjal tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk ma hemm xejn x'juri li dawn il-pagamenti fil-fatt ma sarux hekk.**

**7. Is-socjeta` konvenuta qed teccepixxi li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar dwar azzjonijiet ghall-kera ta' hwejjeg mobbli. Inhareg invoice Dok.JM4 sabiex ikopri is-sena 2004. Dana l-invoice huwa datat 30 ta' Gunju, 2004. Il-kawza odjerna giet prezentata fl-14 ta' Gunju, 2004. Ghalhekk din giet prezentata entro it-terminu stabilit.**

**8. Dwar il-kuntratt bejn il-partijiet, dan kien jorbot, u fil-fatt kien jorbot ghall-perijodu stipulat fl-istess Dok.JM1 "for the minimum of three years contract." Il-fatt illi d-debitur unilaterlament ghazel li jghid li qed jittermina dan il-kuntratt qabel il-perijodu stabilit, b'ebda mod ma jfisser li din giet accettata, u xorta ma jezonerahx milli jhallas l-ammont stipulat fil-kuntratt. Tant ma kien hemm terminazzjoni illi l-ahhar hlas mis-socjeta` attrici sar fil-15 ta' Ottubru, 2003, cioe wara li ntbaghtet l-fax tal-allegata terminazzjoni Dok.RR1.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata Art.2148(f), qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta`**

**konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm1348.20) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------